MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 112/2004

**Joseph Rosso**

**vs**

**Bajada Matthew**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-20 ta’ Frar 2004 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma kumplessiva ta’ elf, sitt mija u dsatax-il Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,619.32) rapprezentanti l-prezz ta’ diversi accessorji u parts tal-magni tal-bahar tal-marka Mercury mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Novembru 2003, u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Matthew Bajada li giet ipprezentata fit-18 ta' April, 2005 fejn:

*1. "Preliminarjament l-istanza attrici ghandha titqies dezerta a tenur tal-Artiklu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjent hallas lill-attur dak kollu li kien dovut lilu ghall-accessorji u parts mixtrija minghandu.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat in-nota ta' Matthew Bajada prezentata fis-26 ta' April 2005 fejn permezz taghha l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

**<u>Joseph Rosso</u>** xehed fis-27 ta' Ottubru 2005 fejn qal li hu kellu arrangamenti mal-konvenut personalment u li permezz ta' dan l-arrangament, hu kien tenut illi jzomm ghandu, wara li kien ikun xtara minghand l-importaturi, diversi *spare parts* ta' magni tal-bahar, biex imbaghad il-konvenut li huwa mechanic, kull meta kien ikollu bzonn xi *spare parts,* kien imur ghandu u jehodha u l-attur kien izommlu dak li jkun nefaq hlief illi oltre l-prezz li jkun nefaq l-attur, kien jaghmillu zieda ta' hmistax fil-mija (15%). Billi meta l-attur kien jixtri kien igib hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) skont, ifisser illi dan il-hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) skont, kienu jaqsmuh hmistax fil-mija (15%) ghall-attur u ghaxra fil-mija (10%) ghall-konvenut.

L-attur qal li hu jopera taht isem ditta, *Glass Fibre Industries*. Dan l-arrangament qal li kien ilu ghaddej xi sentejn jew sentejn u nofs bejniethom. Il-konvenut kien jiehu l-*parts* u jhallas regolarment, izda fl-ahhar halla bilanc ta' elf, sitt mija u dsatax-il Lira Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm1,619.32) li ma hallashomx. Meta mbaghad waqaf ihallas, l-attur ma tahx aktar *parts*. Wara li kiteb lill-konvenut, dan mar xi darbtejn jew tlieta biex jivverifika l-kontijiet u darba minnhom ha ukoll l-Accountant mieghu.

L-attur qal li l-Accountant tal-konvenut mar darbtejn biex jivverifikaw il-konteggi. L-attur qal li tahom id-*delivery notes* kollha bil-firem ta' min kien ircieva l-*part*, bl-*invoices* relattivi taghhom u wkoll urihom x'inhuma l-pagamenti li ghamlu. Zied jghid li l-konvenut qatt ma mar lura u qallu li ma qabilx, jew indikalu xi parti li ma qablux fiha, allura l-attur ma jafx x'inhi l-kontestazzjoni tal-konvenut. Hu tenna li darba minnhom iltaqa' mieghu l-Accountant tal-konvenut fejn staqsieh jekk huma kienux irrangaw, l-Accountant kien qal hekk ghax mill-ezami li kien ghamel hu kien sab li d-divergenzi kienu minimi li lanqas ma kien il-kaz li wiehed jidhol fihom. L-attur accerta lill-Qorti illi zbalji ma jezistux fil-konteggi, ghaliex jekk kieku kien hemm xi zbalji, ma kienx jidhol il-Qorti.

L-attur esebixxa fil-Qorti librett li gie mmarkat bhala Dok. JR 1, illi fih id-*delivery notes* iffirmati ta' kull partita li ha l-konvenut bil-firem fuqhom, komprizi l-*invoices* relattivi. Dawn l-*invoices* u *delivery notes* huma kopji ta' dawk illi l-attur diga' kkonsenja lill-konvenut qabel din il-kawza.

**<u>Anna Grech</u>** xehdet fis-27 ta' Ottubru 2005 fejn qalet li l-attur huwa missierha u hi tahdem bhala skrivana ma' missierha. Xogholha fl-ufficju hu li zzomm l-accounts, u ghalhekk xogholha kien jikkomprendi illi tohrog l-invoices relattivi u ddahhal kull pagament li jsir ta' kull min kien jixtri xi haga minghand id-ditta ta' missierha. Rat il-librett tal-invoices u delivery notes kompriz l-istatement li jinsabu mmarkati dokument JR 1 u kkonfermat illi hemm l-istatement dettaljat fl-ewwel pagna. Dan l-istatement jinkludi biss dawk il-parts u makkinarji illi kien xtara l-konvenut u ma hallasx ghalihom. Hija sostniet li hlief fl-istatement ma dahlitx l-operazzjonijiet antiki fejn il-konvenut kien xtara u hallas, dawn huma l-partiti illi baqghu ma thallsux. Kienet taf li l-konvenut kellu xi lmenti dwar dan il-bilanc u mar diversi drabi u x'aktarx li fit-tieni darba kien mar akkumpanjat mal-accountant tieghu. Ix-xhud kienet forniet lill-Accountant tal-konvenut bid-dokumenti kollha li jirreferu ghal dan il-kont, u kienet taf li darb'ohra l-accountant kien gie wahdu l-ufficju taghhom fejn hi staqsietu x'kien l-esitu tal-ezami li kien ghamel u

wegibha li ma kienx hemm differenzi kbar u ma kienx hemm fuq xiex wiehed ma jirrangax.

Ix-xhud ikkonfermat li l-konsenja tal-merkanzija kienet issir billi kien jigi l-konvenut personalment u jehodhom. Hija kienet taddebitah ta' dak li jkun qed jiehu u hu kien jiffirmalha ta' dak li jkun ha. Allura d-delivery notes fil-process ghandhom fuqhom il-firma tal-konvenut. Hija ftakret ukoll li kien hemm xi darba ohra illi kien mar l-konvenut jiehu xi merkanzija, imma ta' din il-partita huwa kollox imhallas. Qatt ma rceviet xi forma ta' komunikazzjoni fejn il-konvenut indikalhom f'liema partita jew f'liem ammont ma kienx qed jaqbel.

Il-Qorti rat l-affidavit tal-konvenut **Matthew Bajada** ipprezentat fl-4 ta' Lulju, 2007 fejn ikkonferma li huwa jahdem bhala mekkanik fuq il-magni tal-bahar. Fis-sena 2002 huwa kien ghamel arrangament ma' Joseph Rosso, l-attur f'din il-kawza li jopera taht l-isem tad-ditta Glass Fibre Industries, li permezz tieghu huwa kellu jzomm ghandu diversi *spare parts* ta' magni tal-bahar li hu kien jixtri minghand importaturi biex imbaghad il-konvenut kien jixtrihom minghand l-attur kull meta jkollu bzonn xi *part* ghal fuq il-magni li kien ikun qed jahdem fuqhom. Hu u l-attur kienu ftehmu li l-attur kellu jbieghlu dawn il-*parts* bi skont ta' ghaxra fil-mija (10%).

Il-konvenut qal li fis-sena 2002 l-attur kien ftiehem mieghu verbalment li mill-1 ta' Jannar 2003 l-iskont kellu jkun ta' tnax fil-mija (12%) minflok ghaxra fil-mija (10%). Hu kien jiehu l-*parts* u kien jiffirma *invoice* ghal kull *part* li kien jixtri minghand l-attur. Dan dejjem kien sar bil-patt li hu kien intitolat ghal skont ta' 12% fuq is-*sale price* tal-*parts* li hu kien jixtri fis-sena 2003. Hemm anness mal-affidavit kopji ta' zewg *Full Stock Price List* mahruga mill-attur datati 17 ta' Dicembru 2002 u 24 ta' Marzu 2003 u mmarkhom bhala Dokument 'MB 1' u 'MB 2'. Huwa ppreciza li l-ftehim bejniethom kien illi hu kellu jiehu skont ta' ghaxra fil-mija (10%) ghas-sena 2002 u skont ta' tnax fil-mija (12%) ghas-sena 2003 fuq l-ammonti indikati f'dawn il-*price lists* u cioe' Dok 'MB 1' u 'MB 2'.

Matthew Bajada qal ukoll illi hu kien ihallas ammonti sostanzjali lill-attur b’mod regolari u fil-fatt l-attur kien baqa’ jbieghlu *parts* minghajr ebda problemi. Izda malli nduna illi l-kontijiet li hu kien qieghed jibghatlu kienu jmorru kontra l-ftehim milhuq bejniethom, hu lmenta mal-attur fis-sens li ma riedx ihallas ghal dawk l-ammonti li ma kienux dovuti minnu.

Anness mal-affidavit hemm kopja ta’ lista ta’ prezzijiet mahruga mill-attur fejn fiha hemm indikati xi *parts* li kien xtara minghandu. Fl-ewwel kolonna hemm indikat il-prezz shih tal-*part*, fit-tieni kolonna hemm indikat il-prezz bi skont ta’ 10% skond il-ftehim milhuq qabel is-sena 2003 u l-prezz bi skont ta’ 12% skond il-ftehim milhuq bejniethom ghas-sena 2003. Din il-lista kienet giet moghtija lill-konvenut mill-attur innifsu u giet immarkata bhala Dokument ‘MB 3’. Il-konvenut ha bhala ezempju l-*part* li hemm indikata a fol 30 tal-process u cioe’ *item part number* 1097 Gasket M27/8172771 li ghaliha l-attur qed jitolbu s-somma ta’ Lm 345.37, f’dokument ‘MB 3’, il-prezz li l-konvenut ghandu jhallas fuqha huwa ta’ Lm 339.20 u dan ghax skond il-konvenut, il-ftehim ta’ bejniethom kien illi l-intimat ikun intitolat ghal skont ta’ 12%. L-istess ghal parts l-ohra li hemm indikati fuq id-dokumenti li esebixxa l-attur fis-seduta mizmuma fis-27 ta’ Ottubru 2005. Kien ghalhekk li l-konvenut ma baqax ihallas dak li kien qed jitolbu l-attur. Il-konvenut qal li hu kien lest li jhallas dak kollu li hu dovut lill-attur, kif dejjem ghamel. Hu kemm-il darba mar ghand l-attur biex jipprovaw jaslu f’kompromess izda huwa kien baqa’ jsostni illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammonti mitluba fl-invoices li kien qieghed jibghatlu, li meta mqabbla mal-*full stock price list* jirrizulta illi lanqas biss kien qeighed inaqqas l-10% skont izda biss 9%. Peress li dan ma kienx skond il-ftehim ta’ bejniethom, il-konvenut irrifjuta li jhallas l-ammont mitlub. Inoltre qal illi l-invoice fl-ammont ta’ Lm 91.57 li tinsab a fol 35 tal-process mhix dovuta minnu u dan peress li ma kienx hu li xtara l-*part* indikata izda kien Stephen Bajada li jigi hu l-konvenut u li fil-fatt hemm indikata l-firma tieghu fid-*delivery note* li tinsab a fol 36 tal-process.

Matthew Bajada qal ukoll illi l-invoices li kien qieghed jaghtih l-attur kienu sempliciment jindikaw il-*part* number u hu kien jiffirma ghal dawk il-*parts* li kien qed jiehu minghajr indikazzjoni tal-prezz miftihem bejniethom. Huwa sostna li l-ftehim ta' bejniethom kien illi l-iskont kellu jilhaq it-12% mill-1 ta' Jannar 2003. Il-konvenut kien ihallas ammonti sostanzjali minn zmien ghall-iehor u l-attur kien johroglu ricevuti. Huwa s'issa hallas is-somma globali ta' sbatax-il elf tliet mija, tmienja u tmenin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm 17,388.49) lill-attur ghal parts li xtara minghandu u l-attur issa qed jitolbu s-somma ta' elf, sitt mija u dsatax-il Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm 1,619.42). Qal li meta kiena inkariga accountant li kien rrealizza li hu hallas oltre minn dak li kien dovut minnu u dan peress li l-attur ma kienx qed inaqqas l-iskont ta' 10% fis-sena 2002 u 12% fis-sena 2003. Hu min-naha tieghu qal li dejjem mexa' tajjeb mal-attur u kull *part* li kellu bzonn dejjem xtraha minghandu. Izda meta rrealizza li l-attur ma kienx qed jonora l-ftehim ta' bejniethom hass li ma setax jafdah aktar. Huwa ghalhekk qal li l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut u dan peress li hu mhux biss hallas dak li kien dovut minnu izda spicca hallas aktar minn dak li kellu jhallas.

**<u>Joseph Rosso</u>** kompla jixhed fil-15 ta' Novembru 2007 fejn gie mistoqsi x'arrangament huwa kellu mal-konvenut. Huwa wiegeb li l-arrangament tieghu kien li huwa jgiblu spare parts, ihallashom hu u jzommhom ghandu sakemm il-konvenut jiehu li ghandu bzonn u jaghmel id-delivery note, jiffirma ghaliha u meta jhallas, jaghtu ircevuta tal-hlas li kien ikun ghamel. Mistoqsi jekk kienx ihallas on account jew ghall-oggett individwali, wiegeb li gieli kien ihallas on account u gieli le. Ta' kull hlas li ghamel il-konvenut dejjem tawh ircevuta. L-attur qal li suppost ghandu ricevuta tal-hlasijiet li ghamel il-konvenut. Huwa m'huwiex cert jekk ghandux ircevuti tal-hlasijiet li ghamel pero' jekk ghandu jipprometti li jgibhom. Qal li ghandu invoices li ffirma ghalihom il-konvenut.

L-attur gie muri dokumenti esebiti a fol. 30 et seq tal-process, fejn qal li dawk mhux delivery notes imma huma invoices. Id-delivery notes li hemm esebiti fl-atti huma

parti minnhom. Gie muri wkoll delivery note a fol. 36, u qal li din l-invoice hija ffirmata minn Steve Bajada, mhux l-imputat. Qal li dawn l-oggetti gew mehuda minn Stephen Bajada f'isem Matthew Bajada ghax dawn huma ahwa jahdmu flimkien. Matthew Bajada qatt ma nnega li effettivament dawn gew mehuda. Qal li kif wasal ghall-konkluzjoni li Stephen u Matthew jahdmu flimkien ghaliex dan jafu. Qal ukoll li effettivament il-konvenut ma setax jahdem minghajr huh ghaliex kien ghad ghandu sbatax-il sena u ma kienx jaf jaqbad skorfina. Ix-xhud m'ghandux l-ircevuti kollha. Sostna li m'ghandux affarijiet ohra x'jipprezenta.

Ir-rendikont esebit huwa fejn ghamel il-pagamenti l-konvenut. Huwa pprezenta biss dawk id-delivery notes li fil-fehma tieghu ghadhom mhux imhallsa. Qal li l-invoices li ghadhom pendenti l-konvenut qatt ma nneghom. Huwa tenna li baghtu statement kull xahar lill-konvenut u dan qatt ma gie lura u qallu li ma jaqbilx mieghu. In oltre gab l-accountant tieghu biex jiccekja l-affarijiet kollha ghal darbtejn u l-accountant tieghu qalilhom it-tnejn li ma kien hemm l-ebda diskrepanza. Sostna li mhux minnu li hu kien lest jaghti .. fil-mija skont lill-konvenut pero' dan kien ghal ftehim ghall-ewwel sitt elef lira. Mhux minnu li fis-sena elfejn u tlieta (2003) kellu jaghtih 12% skont.

Gie muri wkoll dokument MB3 a fol 68 tal-atti. Dan huwa statement fejn jaf li mahrug minnhom stess pero' mhux cert minn dan l-anqas. Meta gie l-accountant ta' Matthew Bajada, l-attur kien qabel mieghu li kellu jnaqqaslu 12%. Huwa qal li fil-fatt f'dan l-istatement huma ndikati li huma mnaqqsin. Sa fejn kien jaf l-attur ghandu dokumenti ohrajn u prometta li jesebihom fis-seduta li jmiss.

<u>**David Grima**</u> xehed fil-15 ta' Novembru 2007 fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' accountant u awditur bi professjoni. Hu jaf lil Matthew Bajada peress li kien gie ghandu u ghamillu xi xoghol ta' accountant. Fil-fatt kien urieh xi statement li kien gie mibghut lill-konvenut minn Joseph Rosso u x-xhud qal li kien rah. Il-konvenut kien qallu li kien hemm xi ftehim ta' commission, naturalment skont u fil-fatt qallu li kien hemm perjodu ta' 10% u

sussegwentement perjodu iehor ta' 12%. Ix-xhud qal li kien urieh xi dokumentazzjoni liema dokumentazzjoni ma tinsabx inserita fl-atti. Kien urieh ukoll xi dokument li jinsab inserit u mmarkat bhala dokument MB3. Fil-fatt skond id-dokumenti li kien wera' lix-xhud, kien hemm diskrepanza dwar il-persentagg li kellu jiehu.

Qal li sar jaf lill-konvenut fl-ahhar tas-sena 2003 u lill-attur qatt ma kellmu. Ma kienx jaf kemm kien ilu ghaddej negozju bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li ra dak li kien gablu Matthew dakinhar.

**Matthew Bajada** xehed fil-15 ta' Novembru 2007, fejn qal li lilu l-attur qatt ma kien itih ricevuta ghall-hlasijiet li kien jaghmel. Il-konvenut kien jikteb karta tal-flus li kien itih u hu kien jiffirmalu fuq din il-karta. Dawn qal li qeghdin ghandu.

Rat nota tal-konvenut li giet prezentata fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2008 fejn fiha gew esebiti kopja ta' sitta u tletin (36) ricevuta ffirmati mill-attur.

Il-konvenut **Mathew Bajada** kompla jixhed fil-21 ta' Jannar 2008 fejn esebixxa permezz ta' nota d-dokumenti ricevuti kollha li hu kellu dwar il-kont li fetah originarjament mal-attur mill-bidu nett. L-ircevuti kien ghamilhom skond l-affarijiet li ha. Fil-fatt il-konvenut ghamel l-esercizzju tieghu u qabbilhom mad-delivery note li kellu fil-pussess tieghu u r-rizultat kien wiehed li llum il-gurnata hu ghandu jiehu minghand l-attur u mhux l-attur ghandu jiehu minghandu. Naturalment id-dokumenti li l-konvenut ghamel l-analizi fuqhom kienu jinsabu f'idejh ukoll. Il-konvenut qal li jkun f'posizzjoni li jesebihom fis-seduta li jkun imiss.

Rat fix-xhieda tat-23 t'April 2008, fejn l-attur esebixxa kopja tal-auditing invoices kif kien mitlub jaghmel fis-seduti precedenti liema dokument gie mmarkat bhala Dokument X.

Rat ukoll li fil-verbal tat-23 t'April 2008 din il-Qorti kienet innominat a spejjez provizorju tal-attur lil Perit Komputista

Adrian Sciberras li kellu jkollu l-ghajnuna legali ta' Dr. Vincent Galea biex wara li jezaminaw id-dokumenti esebiti, jaraw jekk it-talba attrici hix gustifikata.

Rat in-nota ta' Joseph Rosso prezentata fid-19 ta' Ottubru 2010 fejn permezz taghha esebixxa id-dokument 'VB1' indikat fir-rikors datat 9 ta' Lulju 2010.

Rat ix-xhieda ta' **Adrian Sciberras** u **Dr. Vincent Galea** tas-7 ta' Dicembru 2010 fejn halfu u esebew ir-rapport fejn gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MB u waslu ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"Illi ghalhekk, mill-assjem tal-provi kif prodotti u migbura, hija l-fehma konsidrata tal-esponenti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha* ***taqta' u tiddeciedi*** *din il-kawza billi filwaqt li* ***tichad l-eccezzjonijiet*** *tal-konvenut inkwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak fuq deciz u premess,* ***tilqa t-talbiet*** *attrici b'dan illi l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' tlett elef erba' mija hamsa u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmi ta' euro (€ 3,475.98) bl-imghaxijiet dovuti fuq dan l-ammont mid-data tal-ittra ufficjali ntavolata mill-attur fis-27 ta' Novembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Illi dwar il-kap tal-ispejjez, in vista ta' dak kollu li inghad hawn fuq, u bl-adoperu ta' l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn ghandu jigu akkollati fl-intier taghhom fuq il-konvenut.*

*Tant ghandu l-unur x'jissottometti l-esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."*

**Dr Vincent Galea** reggha xehed fit-18 ta' Ottubru 2011 u ddikjara li huwa kien gie notifikat permezz ingunzjoni b'domandi bil-miktub dwar domandi li xtaqu jsirulu in eskussjoni u seduta stante huwa pprezenta r-risposta tieghu waqt li l-perit komputista **Adrian Sciberras** wiegeb ukoll ghad-domandi li sarulu li gew prezentati minnu fis-16 ta' April 2012 u minkejja l-esekuzzjoni taghhom huma zammew ferm ghall-konkluzjoni imsemmija fir-relazzjoni kongunta taghhom.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-1 ta’ Ottubru 2012.

Il-Qorti tinnota illi ghalkemm hija tat zmien lill-attur sabiex jipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu u dan b’digriet taghha ta’ l-14 ta’ Gunju 2012, dan naqas li jaghmel l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut rapprezentanti din is-somma prezz ta’ diversi accessorji u parts tal-magni tal-bahar tal-ghamla Mercury lilu mibjugha u konsenjati. Il-konvenut kien ipprezenta eccezzjoni fis-sens li eccepixxa d-deserzjoni pero’ kien irtira din l-eccezzjoni ftit wara u fit-tieni lok eccepixxa l-pagament. Illi l-partijiet kienu pprezentaw diversi dokumenti kemm fir-rigward invoices, statements u ricevuti u ghalhekk il-Qorti hasset il-htiega li tinnomina Perit Komputista sabiex bl-ghajnuna ta’ Perit Legali jezaminaw id-dokumentazzjoni esebita u jaghmlu rendikont tal-hlasijiet li saru sabiex b’hekk johorgu l-bilanc dovut.  Ghalhekk il-kwistjoni odjerna hija fl-ewwel lok jekk il-Qorti ghandhiex taccetta r-relazzjoni tal-periti nominati minnha u fit-tieni lok jekk il-konvenut irenxxilux jipprova l-pagament li qed jecepixxi.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Illi huwa minnu kif intqal fis-sentenza “**<u>Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg”</u> (**P.A. RCP 28 ta’ Frar 2002**)** li**:**

**“...***il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12***, jibqa’ jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax tghmlu b’mod legger jew kappriccuz.  Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-*

*konsiderazzjonijiet ta' aspet tekniku tal-materja taht ezami."(*"**Philip Grima vs Carmleo Mamo –** A.C 29 ta' Mejju 1998; '**Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca'** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; '**John Saliba vs Joseph Farugia'** A.C. 28 ta' Jannar 2000; '**Sammy Tabone vs Carmel Tabone et'** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et"** *(A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390*) fejn intqal li '*ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistghax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammeno che ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli*.'

Il-Qorti thoss li l-konvenuti ma resqu l-ebda prova lill-Qorti sabiex jghinuha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mil-Esperti. Ma hemm l-ebda raguni li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa. Apparti l-eskussjoni tal-Perit Tekniku l-konvenut ma pprevaliex ruhu mill-fakolta` lilu moghtija ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Strah biss fuq dak li kkonkluda l-istess perit salv li ghamel xi domandi fejn talabhom jiccaraw certu punti sollevati minnu fir-relazzjoni. Din il-Qorti ma thossx li tista' facilment tispruna d-decizjoni ta' l-esperti nominati minnha minghajr l-assistenza ta' espert in materja peress li l-kapacitajiet taghha fil-materja ta' komputista huma limitati.

Inoltre l-Qorti ezaminat akkuratament ir-rapport tal-esperti minnha mahtura, u rat illi il-periti sodisfacentement u adegwatament investaw il-mertu u l-konkluzjonijiet illi waslu ghalihom issodisfaw il-kwezit ta' natura teknika.

Dwar il-pagament, il-Qorti taghmel referenza ghal zewg sentenzi nostrana dwar xi prova ghandhom iresqu l-partijiet in vista ta' eccezzjoni ta' din in-natura.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '**<u>Maltacom P.l.c. vs Kurt Galea Pace'</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Inferjuri fid-19 ta' Mejju 2004 inghad li:

"*Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni, li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut, ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, n-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu.*"

Inghad ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**<u>Ian Abela Fitzpatrick noe vs Web Trading Limited'</u>** deciza fl-24 ta' Novembru 2003 li:

*"Il-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali.*

*Il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu."*

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-periti teknici ezaminaw bir-reqqa kull dokument li nghata lilhom, raw ix-xhieda moghtija mid-diversi xhieda u hija tal-fehma li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li verament kien hallas dan il-kont li huwa kellu pendenti mill-attur. Minn ezami tar-rapport tal-esperti jirrizulta li llum il-gurnata l-bilanc dovut lill-attur jammonta ghal somma ridotta ta’ tlett elef, erbgha mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u disghin Ewro centezmu (€3,475.98) ekwivalenti ghal elf, erbgha mija u tnejn u disghin Liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (LM1492.24) u mhux dak mitlub mill-attur ta’ tlett elef sebgha mija u tnejn u sebghin Ewro (€3,772) ekwivalenti ghal elf, sitt mija u dsatax-il Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,619.32) kif mitlub mill-attur fir-rikors promotur tieghu.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante li din giet irtirata minnu, qeghda tichad it-tieni eccezzjoni u tilqa’ t-talba tal-attur f’somma ridotta ta’ tlett elef, erbgha mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u disghin Ewro centezmu (€ 3,475.98) u ghalhekk tordna lill-konvenut ihallas lill-attur din l-istess somma li giet likwidata minn din il-Qorti bl-imghaxijiet dovuti fuq dan l-ammont mid-data tal-ittra ufficjali ntavolata mill-attur fis-27 ta’ Novembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Illi dwar il-kap tal-ispejjez, in vista ta’ dak kollu li inghad hawn fuq, u bl-adoperu ta’ l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dawn ghandhom jigu akkollati fl-intier taghhom fuq il-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------